MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Mandat Numru. 1899/2012/1

**41 Limited (C-7429) u Fullfinance Limited (C-4752)**

**vs**

**Allfinance Limited (C-4299) u ghal kull interess li jista' jkollha Financial + Investment Services Limited (C-3141)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' 41 Limited u Full Finance Limited li permezz teighu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti biex izzomm lill-intimati milli:

"b'xi mod izommu l-aggornament tal-Extraordinary General Meeting tas-socjeta` Financial + Investment Services Limited (FIS) aggornat ghall-ghada tal-Milied 26 ta' Dicembru 2012 bl-agenda hawn annessa f'dik id-data u f'dak il-hin u milli b'xi mod jiehdu kwalunkwe pass fuq xi

wahda mill-punti msemmija f'dik l-istess agenda li tinkludi fost l-ohrajn it-tnehhija ta' Vincent John Rizzo u Karol Farrugia minn diretturi u rapprezentanti gudizzjarji, l-ghoti ta' remunerazzjoni ingenti lil Michael AV Rizzo u l-hatra tal-istess Michael AV Rizzo bhala Chairman u Managing Director tas-socjeta` FIS liema punti huma ta' pregudizzju enormi ghas-socjeta` intimata FIS u l-azzjonisti taghha u li sejrin iwasslu ghad-distruzzjoni tal-istess socjeta` u telf patrimonjali ingenti ghall-azzjonisti kollha fosthom ir-rikorrenti odjerni".

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Dicembru fejn ordnat li l-istess rikors jigi notifikat lill-kontroparti li nghatat erbgha u ghoxrin siegha sabiex twiegeb ghal din it-talba u ffissat ir-rikors ghas-smiegh ghall-20 ta' Dicembru 2012.

Rat it-twegiba ta' Allfinance Limited li, ghar-ragunijiet minnha mfissra, issottomettiet li din il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat de quo.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla sabiex din il-Qorti tiddekreta l-istess in camera.

Ikkunsidrat illi t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija regolata bil-provvediment tal-Art. 873 tal-Kap 12 li testwalment jipprovdi illi:

(1) l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Minn dan jirrizulta li z-zewg elementi mehtiega sabiex tintlaqa' it-talba ghall-hrug tal-mandat de quo huma kumulattivi u mhux alternattivi.

Jirrizulta ukoll illi l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti huwa essenzjalment kostrett minn dak li jidher "prima facie". Il-vertenzi ezistenti bejn il-partijiet ghandhom jigu ezaminati w evalwati fi skrutinju profond minn dik il-Qorti li finalment ser tippronunzja ruhha fuq l-istess vertenzi, li, kif tinsab infurmata din il-Qorti, jinsabu stitwiti diga`.

Dan premess, il-Qorti qieset li r-rikorrenti odjerni huma flimkien azzjonisti tas-socjeta` Financial + Investment Services Limited (FIS) fi kwota ta' 45% filwaqt li s-socjeta` intimata Allfinance Limited hija azzjonista tal-istess FIS fi kwota ta' 55%. Ghal dawn l-ahhar tletin sena id-diretturi ta' FIS kienu Vincent A Rizzo, Vincent J Rizzo u Karol Farrugia. L-intimata odjerna tul dawn is-snin ma ppartecipat bl-ebda mod fit-tmexxija izda hadet biss id-dividends imqassma. Il-laqgha proposta li r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti biex tinibixxi tipproponi fost hwejjeg ohra, li jitnehhew Vincent John Rizzo u Karol Farrugia mill-kariga taghhom ta' diretturi u jigi mahtur Michael Rizzo.

In linea ta' principju jinghad illi:

"In-nuqqas ta' rappresentanza fit-tmexxija ta' kumpannija mhux per se att ta' opprimenti, ingust jew diskriminatorju. Li wiehed ikollu ishma f'kumpannija ma jaghtix dritt assolut lil azzjonista li jkollu rappresentanza fit-tmexxija ta' kumpannija. Il-protezzjoni gudizzjarja ta' l-azzjonista minoritarju hija fis-sens li min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jikkommetti atti li jopprimu b'mod ingust u diskriminatorju lil min jippossjedi l-minoranza tal-ishma." (Lonavi vs Balkan Power Invest Holding 9 ta' Gunju 2011).

Dan premess l-Art. 402 tal-Kap. 386 ihares il-jeddijiet ta' azzjonisti minoritarji li huma essenzjalment soggetti ghar-rieda tal-maggoranza. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza

Vella et vs Vella Brothers Limited et (9 ta' Marzu 2007) irriteniet illi:

"Il-hsieb wara dan l-artikolu (u cioe` l-Art. 402) huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga' taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija". (Ara wkoll Ellul vs Ellul Qorti ta' l-Appell 31.1.2003).

Prof Andrew Muscat, fil-ktieb "Principles of Maltese Company Law", inoltre, isostni illi f'kuntest ta' "unfair prejudice", sabiex tiskatta l-protezzjoni tal-Qorti a tenur tal-Art 402

"Conduct may be lawful, but still unfairly prejudicial and therefore actionable" (page 973)

Fil-kuntest il-Qorti tirreferi wkoll ghac-cirkostanzi partikolari tas-socjeta` FIS fejn l-azzjonisti huma kollha qraba ta' xulxin sitwazzjoni li tista' eventwalment tigi meqjusa bhala "quasi partnership", fejn ghalhekk azzjonist, anke jekk minoritarju, ikollu dritt ta' inolviment dirett fit-tmexxija tas-socjeta` (Ara Muscat op. Cit p 977).

Stabbilit ghalhekk, prima facie, il-jedd pretiz tas-socjetajiet rikorrenti, il-Qorti tghaddi biex tqis jekk mad-daqqa t'ghajn, jirrizultax pregudizzju rrimedjabbli lir-rikorrenti jekk l-intimata tagixxi kif qed tipproponi li tagixxi.

Fil-kuntest il-Qorti tinnota illi l-attivita` tas-socjeta` FIS hija essenzjalment l-provvista ta' servizzi finanzjarji ta' numru ta' klijenti li ghan-nom taghhom tiggestixxi portafoll konsiderevoli ta' investimenti esteri. Din il-Qorti tqis li bis-sensitivita` estrema li tirrikjedi din l-attivita`, partikolarment fix-xenarju ezistenti fid-dinja finanzjarja llum, flimkien man-natura kwazi personali li tinbena tul hafna snin, bejn klijent

u “provider” ta’ servizzi finanzjarji, jwasslu ghall-probabilita` konsiderevoli ta’ pregudizzju f’kaz ta’ kull bdil fl-istess socjeta` jekk l-istess bdil ma jsirx bil-kawtela u ghaqal kollha li n-natura tal-attivita` tirrikjedi. Caqliq goff bhalma hu propost jista’ jippregudika b’mod serjissimu l-attivita` tas-socjeta`.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ it-talba ta’ 41 Limited u Full Finance Limited kif dedotta fir-rikors tat-18 ta’ Dicembru 2012.

Fic-cirkostanzi, minhabba n-natura tal-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------